Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Numru 188/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Andreas Manuel Grech**

**Illum 27 t'April, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Andreas Manuel Grech** ta' 34 sena, iben Aronne Christel Been, imwieled Germanja, fit-30 t' April, 1970, residenti 163, Garden Flats, Flat 5, Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 188M.

Talli fl-14 t'Ottubru, 2203, u fil-gimghat qabel din id-data gewwa Ta' Xbiex, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' television monito, television u video recorder li komplessivament jiswew Lm400 ghad-dannu ta' Mario Borg minn Ta' Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u lok.

Talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-9 ta' Marzu, 2004 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun deciz u trattat bil-procedura sommarja.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-9 ta' Marzu, 2004.

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza, fuq ammissjoni ssibu hati;

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 269, 279, 280, 49 u 50 tla-Kap 9.

Wara illi rat il-fedina penali tal-imputat, tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekkorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum u dan skond l-art 28A Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------